

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDAZZJONIET

### IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

#### RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-14 ta' Settembru 2012

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-audituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland**

**(BĊE/2012/20)**

(2012/C 286/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek Ċentrali nazzjonali jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-audituri esterni li għandu bħalissa l-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2011. Huwa għal-hekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.

(3) Il-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għażel lil RSM Farrell Grant Sparks bhala l-audituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2012 sa 2016,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi RSM Farrell Grant Sparks għandhom jinħatru bħala l-audituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għas-snin finanzjarji 2012 sa 2016.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-14 ta' Settembru 2012.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI